MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2004

Rikors Numru. 967/1997/1

John Zammit
vs
Gvernatur tal-Bank Centrali ta' Malta

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn l-1992 u l-1995 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjonijiet li kien intitolat ghalihom.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent dahal jahdem mal-Bank Centrali fl-1978, bhala Moneyteller. Fl-1980 huwa kien ghamel ezami u sussegwentement gie promoss ghal skrivan.

Meta fl-1992 kien hareg avviz li kien ser isir ezami f' Supervisory Skills ir-rikorrent applika u ottjena Grad C fil-marki finali ta' l-istess ezami.

Illi gie rilevat illi f'dan il-kaz partikolari s-seniority ma nghatatx konsiderazzjoni partikolari, u fil-fatt kull applikant ghall-ezami inghata l-istess marki fejn kellu x'jaqsam is-seniority u l-esperjenza.  Dan il-fatt kien ta' pregudizzju ghar-rikorrent illi sa dak in-nhar kellu 12-il sena esperjenza mal-Bank Centrali.

Ta min josserva wkoll il-fatt illi sal-1992 ir-rikorrent kellu l-kwalifiki fi tlett suggetti tal-Chartered Institute of Bankers, u fl-1993 ottjena l-kwalifiki f'suggett iehor ta' l-istess Chartered Institute of Bankers.  Illum il-gurnata r-rikorrent ghandu c-certifikat tac-Chartered Institute of Bankers.

Minhabba din l-ingustizzja, ir-rikorrent sofra u ghadu jsofri danni finanzjarji minhabba l-fatt illi huwa gie mcahhad minn promozzjonijiet illi kien intitolat ghalihom.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jinghata l-promozzjonijiet li haqqu b'effett minn meta kien intitolat li jiehu dawn il-promozzjonijiet u li jithallas l-arretrati tal-paga minn dik id-data jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5,000 u dana taht kul provvediment xieraq u opportun li joghgbu jaghti dan it-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda prezentat mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Gvernatur tal-Bank Centrali ta' Malta li eccepixxa:

Illi l-intimat cahad b'mod kategoriku illi giet kommessa xi ngustizzja fil-konfront tieghu kif allegat fir-rikors.

Illi r-rikorrent gie impjegat mal-Bank Centrali ta' Malta fl-1978 bhala Moneyteller/Coin Examiner I grad non-klerikali.

Fis-sena 1980 huwa gie promoss skrivan wara li qaghad ghal ezami intern u fl-1984 gie promoss ghal Skrivan Grad II.

Il-Bank Centrali fl-ghoti ta' promozzjonijiet huwa regolat mill-ftehim kollettiv kontrattat mal-Union li taghha r-rikorrent huwa membru.

Illi dwar dawn il-promozzjonijiet il-Klawzola (10) tal-Collective Agreement tistipula hekk:

"Promotions and filling of vacancies".
"When effecting promotions, the Bank shall be guided by aptitude, efficiency, experience, merit, qualifications and seniority, not necessarily in that order."

Illi kif kellu jigi pruvat ahjar fit-trattazzjoni ta' dan ir-rikors il-Bank Centrali skrupolozament segwa dak preskritt fil-klawzola fuq imsemmija.

Fis-sena 1992 il-Bank ghamel ezercizzu ta' promozzjonijiet ghal grad ta' Supervisor li kien jikkonsisti f'ezami bil-miktub forma ta' case studies u aptitude test liema ezami sar wara li l-partecipanti eligibbli qaghdu ghall-kors volontarju ta' tlett ijiem fis-Supervisory Skills.

Illi ma huwiex minnu dak allegat mir-rikorrent illi "… is-seniority ma nghatax konsiderazzjoni partikolari u fil-fatt, kull applikant ghal ezami nghata l-istess marki fejn kellu x'jaqsam is-seniority u l-esperjenza.

Saret enfasi fir-rigward illi s-seniority kienet biss wahda minn diversi kriterji li fuqhom saru l-promozzjonijiet u fil-fatt gew stabbiliti persentaggi ghad-diversi kriterji

msemmija bhala gwida fil-klawsola (10) tal-ftehim kollettiv fuq imsemmija.

Fuq il-bazi ta' dawn il-kriterji giet stabilita lista ta' mertu tad-diversi applikanti li minnha gew promossi 11 il-skrivan biex jimlew il-vakanzi li kien hemm ghall-grad ta' Supervisor.

Minn 60 applikant ir-rikorrent gie l-41 f'din il-lista.

Rega' sar ezercizzju iehor mill-Bank fl-1993 simili ghal dak imsemmi fuq u fil-lista ta' mertu li minnha gew promossi 8 skrivani biex jimlew il-vakanzi fil-grad ta' Supervisor ir-rikorrent gie d-19 f'lista ta' 68 applikant.

Rega' sar ezercizzju iehor fl-1995 ghall-mili ta' post ta' Supervisor.

B'rizultat ta' dan l-ezercizzju maghmul fuq l-istess kriterji tal-ezercizzji precedenti gew promossi 13-il skrivan minn lista ta' 53 skrivan. Ir-rikorrent gie s-27 f'din il-lista.

Gie osservat illi sas-sena 1995 ir-rikorrent kien ghadu ma kkwalifikax ghac-certifikat tal-Banking.

Fl-1997 gew promossi erba' skrivani ghall-grad ta' Supervisor.

Dawn kienu skrivani li kkwalifikaw f'materji relatati u ta' mportanza ghax-xoghol tal-Bank.

Ir-rikorrent ma kienx jippossjedi ebda kwalifika tal-livell ta' kwalifiki ottenuti mill-imsemmija erba' applikanti.

Il-Bank ghamilha cara u ddikjara b'mod enfatiku illi r-rikorrent inghata l-istess opportunitajiet bhal kull impjegat iehor u ma ntuzat ebda diskriminazzjoni fil-konfront tieghu fl-ghoti tal-promozzjonijiet fuq imsemmija.

Fl-ahharnett illi nonostante r-rizultati fuq imsemmija li kienu jeskludu lir-rikorrent mill-promozzjonijiet imsemmija

ghar-ragunijiet moghtija, xorta wahda l-Bank ipprova jghinu.

Infatti bhala rizultat ta’ ittra mibghuta minnu fit-8 ta’ Mejju 1997 il-Bord tal-Bank Centrali kien ezamina l-kaz tas-Sur Zammit u wasal ghall-konkluzjoni illi huwa ma setax jinghatalu l-grad ta’ Supervisor kif kien talab.

Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn qal li saret ingustizzja mieghu fir-rigward tal-promozzjonijiet li saru ghall-grad ta’ Supervisor u f’dawn l-ahhar snin gie maqbuz minn ohrajn li ma kellhomx kwalifiki, esperjenza u seniority daqsu. Qal li fl-1992 kien sar ezami bil-miktub bis-suggett ‘Supervisory skills’ u kien gab grade C f’dan l-ezami. Semma li l-ftehim kollettiv jistipula l-kriterji li huma aptitude, efficiency, experience, merit, qualifications u seniority. Qal li skond ma gie nfurmat il-weighting ta’ l-ezercizzju kien 50 marka ghall-ezami, 35 marka ghall-performance u 15 ghas-seniority. Spjega li l-performance gie bazat fuq l-ahhar zewg rapporti annwali u li sa fejn jaf hu dawn kienu rapporti tajbin. Zied ighid li f’dan l-ezercizzju kien gie l-41 minn lista ta’ 60. Qal li fl-1992 hu kien diga ghadda min tliet suggetti tas-Certificate in Banking u li kien hemm xi skrivani li saru Supervisor li ma kellhomx xi suggetti ta’ xi kwalifika fil-Banking. Semma li fl-1993 il-Bank qal li sar ezercizzju simili bhal tal-1992 u hu gie d-19-il wiehed minn lista ta’ 68 kandidat. Esebixxa staff notice 11/92 a fol 51.

Xehed Paul Muscat Senior Manager fil-Human Resources Department tal-Bank Centrali. Qal li kien involut fl-ezercizzju tal-promozzjonijiet tal-1992, 1993 u 1995 u dan billi jghaddi informazzjoni dwar l-applikanti lill-Bord tad-Diretturi. Spjega li fl-1992 kienet harget applikazzjoni, sar Supervisory Course u kien hemm written u aptitude test qabel il-process tal-ghazla. Qal li kien l-ewwel darba li sar dan is-Supervisory Test u semma wkoll li l-promozzjonijiet dejjem kienu jsiru abbazi ta' klawsola 10 tal-Ftehim Kollettiv fejn hemm imnizzlin id-diversi kriterji. Qal li fl-ezami tas-Supervisory Grade li ghamel ir-rikorrent fl-1992 kien gab Grade C.

Qal ukoll li fl-1992 il-weighting tal-marki fejn jidhlu kwalifiki kien 50%, 35% fejn tidhol performance u fir-rigward ta' seniority kien 15%. Zied ighid li fl-1993 il-weighting baqa' 50% ghall-ezami u 25% ghall-performance u 25% ghas-seniority. Qal li fl-1992 ir-rikorrent ottjena dawn il-marki u cioe` kwalifiki u test 28, performance 20 u seniority 15. Qal li fl-1993 ottjena 28 ghall-kwalifiki, 16 ghall-performance u 25 ghas-seniority. Qal li dejjem hadu in konsiderazzjoni l-kwalifiki fir-rigward tas-Sur Zammit. Semma li meta ghamlu l-workings taghhom ma affettwax min kellu 6 snin, 7 snin jew 8 snin ghax tinghata l-istess marka. Izda qal li l-bord hass li hames snin esperjenza kienu bizzejjed biex tapplika ghal supervisor.

In kontro ezami qal li hu kien Deputy tas-Sur Agius. Qal li ma kellu l-ebda rwol li jaghti l-weightings ghax dak kien ir-rwol tas-Sur Agius. Zied li fl-1992 kien involut fit-testijiet izda ma tax marki, kien involut biss fl-amministrazzjoni tal-ezami, u ta xi lectures dwar is-Supervisory Course. Kompla jghid li hu ezamina l-appraisal reports tal-individwi u irriproduca l-kummenti li kien hemm izda ma tax marki. Esebixxa dokument a fol 68 tal-process fejn hemm l-informazzjoni kompleta fir-rigward tal-ezercizzju tal-promozzjonijiet izda qal ukoll li l-moderation exercise fir-rigward tal-marki u fir-rigward tal-appraisal reports qieghed nieqes. Qal li s-Sur Agius ikkonfermalu li dan l-ezercizzju kien sar fl-1992 izda xorta wara verifiki u tiftix ma nstabux.

Xehed John Agius Deputy General Manager fil-Human Resources li esebixxa dokument a fol 46 fejn hemm id-dettalji kollha tat-tliet ezercizzji tal-promozzjonijiet. Ipprezenta estratt mill-minuti tal-bord kif ukoll id-diversi ezercizzji ta' promozzjonijiet. Minn dawn jirrizulta li l-ahhar wiehed li lahaq bhala written assessments u cioe` Thomas Harmsworth kellu 25 marka waqt li l-ewwel ghaxra kienu bejn it-30 u l-50 waqt li r-rikorrent gie moghti 28. Dwar Performance waqt li mill-1 sal-11 li lahqu dawn ivarjaw bejn l-24 marka sa 32 marka, ir-rikorrent gab 20. Dwar Seniority filwaqt li r-rikorrent gab 15 il-marki jvarjaw dwar l-ewwel hdax minn 12 sa 15 u t-total tal-ewwel wiehed huwa 87.54 li jibqghu nezlin dejjem sal-11-il post b' 72.29% waqt li r-rikorrent gab 63.05%. Peress li r-rikors sar dwar il-promozzjoni tal-1992 t-Tribunal mhux sejjer jezamina tal-1993 u tal-1995.

In kontro ezami qal li hu kien Segretarju tal-Bord u kien jaghti rakkomandazzjonijiet ta' kif ghandhom jinghataw il-weightings mill-1992 sal-1996. Semma li r-rakkomandazzjonijiet tieghu kienu li jsir course ghal min kien qieghed jaspira li jsir Supervisor u min ma kellux kwalifika xorta jilhaq b' dan il-course. Semma li wara l-ezercizzju tal-1992 kien hemm ilmenti mill-Union li s-seniority setghet inghatat iktar importanza u infatti ghall-ezercizzju tal-1993 minnflok 15% inghatat 25%. Spjega li fl-1995 kien hemm bord gdid u l-bord kien hass li jrid jaghti iktar weightings lill-performance u l-Bord kien iddecieda li l-kwalifiki u l-performance jinghataw l-istess weightings jigifieri 40% ghal kull wahda minn din u 20% ghas-seniority.

Fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2002 saret talba biex jigu esebiti l-appraisal reports ta' Emanuel Cachia, Silvio Vella u Elizabeth Borg u dawn finalment gew prodotti, izda t-Tribunal jinnota li Emanuel Cachia kien fil-lista tal-persuni li saru fl-1992 waqt li l-ohrajn me kienux f' din il-lista ghalkemm Silvio Vella kien f' tal-1993.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi l-ilment tar-rikorrent huwa li meta fl-1992 kien hareg avviz li ser isir ezami ghal Supervisory Skills ir-rikorrent wara li applika u ghamel l-ezami gie klassifikat fil-41 post li fil-fehma tieghu din tirrizulta f' ingustizzja. Jinghad li kif jidher minn fol 23 u 24 tal-process dwar promotions il-Bank kellu jkun "guided by aptitude, efficiency, experience, merit, qualifications and seniority, not necessarily in that order". Meta wiehed janalizza l-marki allokati dawn inghataw fuq:

| | |
|---|---|
| Highest of Qualification/Written Assessments | 50% |
| Performance | 35% |
| Seniority | 15% |

U hawn it-Tribunal ikollu bil-fors jesprimi l-preokkupazzjonijiet tieghu. It-Tribunal ma jistax jifhem ghaliex qualifications gew imqieghdin fl-istess sezzjoni bhal written assessment u ma gewx attribwiti sezzjonijiet differenti b' mod li wiehed jista' jibbaza verament fuq kriterji oggettivi l-marki allokati lill-applikanti. Il-marki moghtija ghall-kwalifiki ghandhom ikunu separati u distinti minn dawk ghar-written assessment u flimkien mac-cirkolari tal-hrug tal-applikazzjoni ghandu jkun hemm indikat mill-ewwel il-kriterji tal-allokazzjoni tal-marki ghall-kwalifiki. Inoltre t-Tribunal jinsab ferm preokkupat fuq dak li ntqal li l-kandidati sarilhom kors u permezz ta' dan il-kors gew meqjusin il-marki ghall-kwalifiki. Se mai messu li dan il-kors inghata marka fl-allocation of marks ta' kwalifiki izda mhux sar metodu alternattiv ghall-kwalifiki gja ottjenuti. Dwar ir-written assessment it-Tribunal ma ghandux ilmenti kif anqas ghandu dwar performance. Ukoll il-kriterju tas-seniority ma giex segwit kif suppost. Infatti rrizulta li min kien ilu 6, 7 jew 8 snin f' xi kazijiet inghata l-istess marka u ghalhekk l-element ta' seniority ghalkemm inkluz fil-ftehim kollettiv spicca biex gie mnaqqas l-importanza li kellu intiza ghalih. Jekk wiehed irid iqis il-minimum ta' 5 snin bhala bazi dan seta' jkun wiehed mill-kriterji bazici biex persuna tkun tista' tapplika ghall-promozzjoni izda xorta wahda kellha tinghata allokazzjoni ta' marka jew puntegg ghaliha ghal kull sena ta' servizz fil-grad ta' taht dak illi tapplika ghaliha l-promozzjoni.

B’ dan kollu li nghad fuq jidher car li t-Tribunal mhux kuntent kif saru l-affarijiet, izda dan jista’ jwassal biex l-ilment tar-rikorrent jigi kunsidrat gustifikat? Biex wiehed jasal ghal dan kien jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova li dawk li gew qablu u senjatament dawk li fil-promozzjonijiet tal-1992 gew l-ewwel hdax gew fil-fatt allokati marki zejda jew hu nieqsa b’ mod li kieku tali allokazzjoni kienet tajba r-rizultat kien jinqaleb. Issa f’ ebda hin tar-rikors ma rnexxielu r-rikorrent jipprova li kellu kwalifiki aktar minn xi hadd li kien fl-ewwel hdax-il post. Dan kien kriterju oggettiv. Ir-rikorrent semma li hu kellu kwalifiki fi tliet suggetti tac-Chartered Institute of Bankers fl-1992 izda t-Tribunal ma ghandux quddiemu l-kwalifiki li kellhom il-11 l-ohra. Naturalment dwar l-aspett tar-written assessment dan hu ferm aktar difficli li jigi pruvat li r-rikorrent kien haqqu marki aktar mill-11 l-ohra minhabba li f’ dan il-kaz it-Tribunal biex jasal ghal dan kien ikollu jissostitwixxi lill-ezaminaturi biex jezamina l-iskritt tal-applikanti, haga li mhix prattikabbli taht l-ebda aspett u facilment li f’ xi kazijiet it-Tribunal jista’ ma jkunx jista’ jaghmel dan. Inoltre r-rikorrent jibbaza l-ilment tieghu fuq il-fatt li hu gie certifikat bhala “qualified for promotion to the next higher grade” u dan mill-appraiser tieghu. Izda l-kuncett biss li persuna tkun tista’ titqies bhala sufficjentement kapaci biex tokkupa l-grad li jmiss ma jintitolahiex fuq dak l-aspett biss li tiehu l-promozzjoni izda huwa biss certifikat ta’ kapacita` bazika li tista’ tigi mibdula jekk jirrizulta li hemm persuni kapaci u interessati li jokkupaw tali kariga aktar milli hemm vakanzi ghaliha b’ mod li ghalkemm jista’ jkun hemm 40 persuna kapaci jekk ikun hemm vakanzi ghal 10 biss hu logiku li jikkwalifikaw l-ewwel 10.

Il-fatt li sar moderation exercise u transportation mill-Appraisal Reports ma jfissirx li saret xi haga illegali izda huwa metodu analitiku ta’ statistika li huwa gieli uzat f’ interpetazzjoni ta’ marki.

Dwar seniority hawn ukoll ir-rikorrent semma li hu messu gie moghti l-marki kollha izda ma semmiex min kien haqqu jigi moghti marki anqas. Certament it-Tribunal mhux kuntent bl-allokazzjoni li giet moghtija ghal seniority u dan minhabba l-kriterji adoperati fejn min kellu 6 snin u

8 snin esperjenza f' xi kazijiet gew moghtija l-istess marka. Izda r-rikorrent naqas milli jipprova min mill-ewwel 11 suppost inghata marki anqas.

Kien jinkombi fuq ir-rikorrent li jew jipprova li xi hadd minn dawk li gew klassifikati fl-ewwel 11-il pozizzjoni li kien imissu jiehu 9 jew aktar marki anqas jew li r-rikorrent kien messu jiehu 9 jew aktar marki ghax jekk id-differenza li kien intitolat ghaliha r-rikorrent kienet ta' anqas minn 9 marki u cioe` d-differenza li hemm bejn il-11-il post li ha l-promozzjoni u l-41 post li fiha gie klassifikat ir-rikorrent kienet anqas, f' dak il-kaz xorta wahda r-rikorrent ma kienx jidhol fl-ewwel 11-il pozizzjoni.

Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------